## GEORGE CROSS

Jekk aħna l-Maltin nibqgħu nagħmlu dmirna bla tgemgim u bla tnikkir ikun aktar jistħoqqilna dan il-ġieħ kbir li l-Majestà Tiegħu, l-maħbub Re tagħna, għogbu jżejjinna bih. Il-*George Cross* hu għelm ta' qawwa, ta' ħila u ta' qlubija u aħna għandna tas-sew biex niftaħru li fost il-pajjiżi tal-Impero Ingliż konna l-ewwel nies li ssebbħu b'dan il-ġieħ u filwaqt li nifirħu, għandna wkoll inħabirku biex dan l-unur, li jgħolli mhux ftit il-għażiża Gżira tagħna f'għajnejn il-barranin, jibqa' dejjem bla ma jittiesef u jgħaddi għal uliedna u għal ulied uliedna biex jibqgħalhom bħala tifkira sewwja ta' kull ma aħna rajna u batejna u bħala turija biex dejjem tħeġġeġ 'il dawk li jiġu warajna, għall-għamil tas-sewwa u tal-ġieħ.

## ISQOF AWŻILJARI GĦAL MALTA

L-Illmu u Wisq Rev. Mons. Kan. Teol. Prof. Emmanwel Galea, B.Litt., DD., J.C.D., inħatar Isqof Awżiljari ta' Malta u Isqof Titulari ta' Tralles, fl-Asja.

Mons. Galea twieled l-Isla fejn baqa' jgħix sakemm l-għadu beda l-bumbardamenti tiegħu bla ħniena. Kulħadd jaf kif l-għadu għamel minn din il-belt biċċa art ta' ħerba u ta' ħsara.

Hu għandu 51 sena, u kien ordnat saċerdot f'Diċembru tal-1915. Sena wara ħa l-Lawrja tad-Dottorat fid-Divinità fl-Università ta' Malta u kiseb il-premju tal-Kors tat-Tioloġija. Wara sentejn studji f'Ruma ħa l-Lawrja tad-Dritt Kanoniku. Meta reġa' lura Malta, sar Kanonku Tijologu tal-Bażilika Kolleġġjata ta' l-Isla, u Professur fis-Siminarju u fl-Università.

Wara li miet Mons. Vassallo, l-Arċisqof Mons. Caruana għażlu Segretarju tiegħu u, wara li rtira Mons. Dun Pawl Galea, beda jagħmilha wkoll ta' Pro-Vigarju. Wara l-mewt ta' Mons. De Piro kien magħżul Direttur ta' l-Istitut "Ġesù Nazzarenu" taż-Żejtun.

Aħna ma nistgħux ma nifirħux b'din l-għażla tassew sabiħa li saret, u aħna żguri li l-Maltin kollha jħossu rwieħhom ferħana li għandhom mexxej ta' dehen u ħila hekk kbira min imexxihom. Kulħadd jaf liema għajnuna kbira l-Mons. Galea ta, u sejjer jibqa' jagħti, lill-Isqof tagħna.

# LIL MALTA

## WARA ELFEJN ATTAKK MILL-AJRU

Dejjem rajtek sabiħa, o Malta tiegħi,
Fil-libsa mżewwqa li int ħdimt mas-snin,
Libsa li taf is-Sengħa f'bosta friegħi,
Minsuġa b'ħajt l-Imħabba w it-Twemmin.

U jien, poeta oh kemm għannaqtek miegħi!
Kemm bews qigħedtlek fuq ħaddejk ħelwin!
Kemm ħaddemt ħsiebi u qalbi u d-dgħif ta' driegħi
Biex ma narakx f'idejn il-barranin!

Issa l-libsa, jaħasra! m'għadhiex sbiħa:
Għadu bla qalb li ma rebħekx bil-ħarta
Infexx fil-libsa u ċarrathielek sewwa.

'Mma jien ma rajtek qatt bħal-lum sabiħa,
O Malta tiegħi, għax mill-libsa mċarrta
Stajt nara 'l sidrek u l-egħruq ta' ġewwa.

Dun Karm

18/v/42

# FUQ IL-FRUNTIERA

Iltaqgħu f'nofs il-lejl, fuq din il-Gżira,
Ir-Reġina ta' Mejju, kollha ħlewwa,
U ta' Ġunju s-Sultan, fl-aqwa tiswira,
Li jaf jistenna u jirbaħ lill-egħdewwa.

Fil-laqgħa tagħhom ftit u xejn qasira
Fissru ħsiebhom it-tnejn fil-ħaqq u s-sewwa:
Wiċċ ir-Reġina idda b'xewqa kbira,
U tbissem is-Sultan b'dak li ħass ġewwa.

X'għadda bejniethom ma jaf ħadd: moħbija
It-triqat tas-Sultan, u ħsebijietu
Ma tilmaħhom fil-waqt ebda tfittxija:

Iżda jekk ħbir il-qalb għandu xi saħħa,
Il-Qawsalla li dehret f'dawl ħninietu
Għandha twettaq is-Sliem u ġġibu magħha.

Dun Karm

1/vi/42